**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**ĠURSIDIZZJONI SUPERJURI**
**SEZZJONI ĠENERALI**

**Maġistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.JUR**

**Rikors Ġuramentat Numru 13/2015 fl-ismijiet:**

Mary Cassar 58457(G), Raymond Cassar 13757(G), Edmond Cassar 29381(G), Antonella M. Vella 17285(G), Angela Vella 61857(G), Wenzu Cassar 59657(G), Benna Cassar 23840(G), Georgina Cutajar 56258(G), Clementia Meilaq 58757(G), Anne Azzopardi 42547(G), Mario Azzopardi 13476(G), Mary Grace Azzopardi 9384(G), Robert Meilaq 117886(M), Cettina Xuereb 35456(G), John Hili 139573(M), Joseph Hili 12637(G), Saviour Attard 21064(G), Grace Cassar 9155(G), Carmel Cassar 44141(G), Peter Bugeja 22772(G), Tania Portelli 23677(G), Joseph Portelli

13671(G), Zachary Cassar 26665(G), John Paul Cassar 4889(G), Johnnie Cassar 1397(G), Joseph Borg, Joseph Grech 7957(G), Miriam Grech 4057(G), Franklin Grech 61755(G), George Farrugia 58655(G)

Vs

Dr. Samwel Azzopardi, Sindku u b'digriet tad-29 ta' April 2016 isem Dr. Samwel Azzopardi ġie sostitwit bl-isem ta' Josef Schembri bħala Sindku u Miriam Attard, Segretarja Eżekuttiva, it-tnejn in rappresentanza tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex

**Illum 27 ta' Jannar 2022**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors ġuramentat preżentat nhar is-26 ta' Marzu 2015 fejn l-atturi talbu:

1. Illi l-esponenti huma lkoll *fixed market-hawkers* li jarmaw mit-Tnejn sas-Sibt fit-TOKK, ossia fi Pjazza Indipendenza, Victoria, Għawdex;

2. Illi din l-attivita' ilha s-snin hekk titwettaq mill-istess esponenti u mill-antenati tagħhom qabilhom għal għexieren ta' snin, dejjem a bażi u bis-saħħa tal-permessi relattivi maħruga mill-awtoritajiet kompetenti, liema permessi senjatament jawtorizzaw lill-esponenti rispettivi sabiex jarmaw fil-pjazza magħrufa bħala 'it-Tokk' skont il-kundizzjonijiet hemmhekk speċifikati.

3. Illi l-Kunsill intimat matul ix-xhur illi għaddew beda jwettaq xi xogħol strutturali fil-lok fejn l-esponenti ilhom għal snin twal hekk jarmaw - appuntu fit-Tokk, Victoria, Għawdex, kollox u dejjem skont il-permessi u l-liċenzji lilhom maħruga mill-awtoritajiet kompetenti, kif hawn spjegat u kif ser jiġi ppruvat tul it-trattazzjoni tal-kawża;

4. Illi permezz ta' ittra datata l-11 ta' Ottubru 2014 l-esponenti, filwaqt illi ġew mgħarrfa illi '*il-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex qed iħejji għall-pavimentar mill-ġdid ta' Pjazza - Tokk"*, ġew hekk mitluba sabiex ma jibqgħux jarmaw fil-Pjazza Indipendenza b'effett minn mill-20 ta' Otttubru 2014. L-istess esponenti ġew saħansitra mgħarrfa illi kienu ser ikunu infurmati, "*iktar il-quddiem bil-post tagħkom fi Pjazza Savina darba il-proġett ikun les*t" (kopja tal-ittra hawn annessa u mmarkata bħala **Dok. A)**;

5. Illi d-deċizjoni su-riferita effettivament timpedixxi lill-esponenti milli jkomplu jwettqu dik l-attivita' kummeċjali speċifikata fil-permessi/liċenzji tagħhom hekk kif debitament maħruga mid-Dipartiment tal-Kummerċ - ossia awtorita' illi hija għal kollox distinta mill-Kunsill intimat u li għandha l-kompetenza toħroġ il-permessi/liċenzji in kwistjoni.

6. Illi in vista tas-suespost id-deċizjoni hekk meħuda mill-Kunsill intimat tikkostitwixxi da parti tal-istess Kunsill aġir *ultra vires*, abużiv u illegali ai termini tal-Artikolu 469A Sub-artikolu 1(b)(i) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

7. Illi mingħajr preġudizzju l-esponenti qatt u bl-ebda mod ma kienu ġew avżati jew ikkonsultati fir-rigward tax-xogħolijiet strutturali in kwistjoni, b'dan illi d-deċiżjoni tal-Kunsill intimat hekk ittieħdet b'mod arbitrarju, illegali, u bi vjolazzjoni ta' dak stipulat fl-Artikolu 469A Sub-Artikolu 1(b)(ii) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

8. Illi wkoll mingħajr preġudizzju d-deċizjoni hekk meħuda mill-Kunsill intimat tilledi bl-aktar mod flagranti d-dritt ta' proprjeta' illi jgawdu l-esponenti a bażi tal-permessi lilhom akkordati skont kif hawn fuq dettaljat - aġir illi hekk jikkostitwixxi vjolazzjoni tad-drittijiet tal-esponenti ai termini tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u hekk ukoll tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali;

9. Illi bħala konsegwenza tal-aġir tal-Kunsill intimat skont kif hawn premess l-esponenti sofrew u qegħdin isofru danni sostanzjali lilhom akkordati bil-permessi/liċenzji tagħhom u hekk jissoktaw b'dik l-attivita' kummerċjali illi skont l-istess permessi/liċenzji għandhom id-dritt illi jwettqu sabiex hekk jaqilgħu għixien għalihom u għall-familjari tagħhom;

10. Illi l-esponenti debitament ipprotestaw ruħhom mal-Kunsill intimat permezz tal-ittra legali tal-4 ta' Novembru 2014 (kopja

annessa u mmarkata bħala **Dok. B**), madanakollu l-istess Kunsill intimat baqa jsostni l-pożizzjoni tiegħu u l-validita' tad-deċizjoni minnu meħuda - dan kif jirriżulta mill-ittra responsiva tat-12 ta' Novembru 2014 (kopja annessa u mmarkata bħala **Dok. C)**;

11. Illi l-Kunsill intimat hawn imsemmi baqa inademjenti f'dan ir-rigward anke wara illi l-Protest Ġudizzjarju intavolat mill-esponenti fit-28 ta' Novembru 2014 (kopja annessa u mmarkata bħala **Dok. D**);

12. Illi l-esponenti anke talbu u ottjenew il-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni (Numru 10/15) kontra l-Kunsill intimat sabiex l-istess Kunsill ma jagħtix effett lid-deċiżjoni meħuda u fermament ikkontestata, u b'hekk pendenti l-eżitu ta' dawn l-odjerni proċeduri l-esponenti hawn imsemmija pproteġew id-dritt tagħhom illi jeżercitaw ix-xogħol tagħhom skont il-liċenzji tagħhom;

13. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.

**Għaldaqstant**, l-esponenti għar-raġunijiet premessi, umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportuna, jogħġobha:

1. Tikkonferma d-deċiżjoni mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti fit-13 ta' Marzu 2015 in segwitu għat-talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni (Numru 10/2015) fl-ismijiet *Mary Cassar et vs. Dr. Samuel Azzopardi noe et.*

2. Tiddikjara illi d-deċiżjoni meħuda mill-Kunsill intimat hekk kif ikkomunikata lill-esponenti permezz tal-ittra tal-11 ta' Ottubru 2014, tikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 469A Sub-Artikolu 1(b)(i) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u konsegwentement l-istess deċiżjoni hija nulla u bla effett;

3. Mingħajr preġudizzju, tiddikjara illi d-deċiżjoni meħuda mill-Kunsill intimat hekk kif ikkomunikata lill-esponenti permezz tal-ittra tal-11 ta' Ottubru 2014, tikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 469A Sub-Artikolu 1(b)(ii) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u konsegwentement l-istess deċizjoni hija nulla u bla effett.

4. Minghajr preġudizzju tiddikjara illi d-deċiżjoni meħuda mill-Kunsill intimat hekk kif ikkomunikata lill-esponenti permezz tal-ittra tal-11 ta Ottubru 2014, tikkostitwixxi teħid ta' proprjeta' appartenenti lill-esponenti, u dan bi ksur tad-drittijiet akkordati lill-esponenti ai termini tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u hekk ukoll tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Kovenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali.

5. Tiddikjara illi bl-aġir abużiv u illegali da parti tal-Kunsill intimat l-esponenti sofrew id-danni, u dan kemm bi konsegwenza tal-ksur ta' drittijiet fondamentali tagħhom kif imħarsa mill-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u mill-artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea, u kif ukoll ai termini tal-Artikolu 469A Sub-Inċiż (5) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

6. Tillikwida *occorrendo* bil-ħatra ta' periti nominandi d-danni hekk sofruti mill-esponenti.

7. Tikkundanna lill-intimati sabiex iħallsu lill-esponenti s-somma illi tiġi hekk likwidata min din l-Onorabbli Qorti in linea ta' danni.

Bl-ispejjeż kollha inkluż tal-Protest Ġudizzjarju tat-28 ta' Novembru 2014 (Numru 59/2014) u tal-Mandat ta' Inibizzjoni (Numru 10/2015) kontra l-intimati illi huma minn issa nġunti għas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' Concetta sive Cettina Xuereb permezz ta' liema hija ddikjarat li ma hijiex ser tkompli tieħu sehem f'dawn il-proċeduri.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Dr. Samuel Azzopardi, Sindku, u Miriam Attard, Segretarja Eżekuttiva, it-tnejn in rappreżentanza tal-Kunsill Lokali tar-Rabat, Għawdex, li permezz tagħha eċċepew is-segwenti:

1. Illi in kwantu bbażata fuq id-disposizzjonijiet tal-artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta Malta, huwa sottomess li din l-azzjoni attriċi ma saritx fit-terminu ta' sitt xhur hekk kif jistipola l-artikolu 469A (3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk, din l-azzjoni hija perenta u għandha tiġi miċħuda;

2. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, fil-mertu tagħhom dawn it-talbiet attriċi kif ibbażati dettaljatament fis-smiegħ ta' din il-kawa, kwalunkwe deċizjoni li ttieħdet mill-Kunsill fuq il-fatti mertu ta dan il-każ, ittieħdet b'mod regolari skont il-liġi;

3. Illi in kwantu bbażata fuq id-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni ta' Malta u anki l-Ewwel Protokol tal-Konvenjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, huwa sottomess b'mod preliminari li din il-Qorti tal-Maġistrati m'hijiex kompetenti biex tisma' talbiet ta' din ix-xorta, u dana peress li l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jagħti lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili l-ġurisdizzjoni esklussiva li tiddeċiedi dwar ksur tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 37 ta' l-istess kostituzzjoni; kif ukoll jagħmel l-Artikolu 4 tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk din il-Qorti għandha tiddikjara ruħha inkompetenti biex tiddeċiedi dwar tali talbiet, bil-konsegwenza li tiċħad tali talbiet attriċi;

4. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, tali talbiet kif ibbażati fuq id-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni ta' Malta u anki l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali huma nfondati fid-dritt u fil-fatt in kwantu kwalukwe deċiżjoni mogħtija mill-Kunsill, mertu ta' din il-kawża, saret mingħajr ebda ksur tad-disposizzjonijiet relattivi msemmija fir-rikors ġuramentat, u jew bi ksur ta' xi disposizzjoni oħra tal-istess Kostituzzjoni ta' Malta u anki l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali;

5. Illi fi kwalunkwe każ, u mingħajr preġudizzju għall-premess, huwa sottomess li d-direzzjoni mogħtija mill-Kunsill fil-konfront tar-rikorrenti biex ma jibqgħux jarmaw fi Pjazza Indipendenza, Victoria, Għawdex, peress li kien qed isir il-

pavimentar fl-istess Pjazza, saret fil-limiti ta' raġjonevolezza, u għalhekk m'huwiex leġittimu għar-rikorrenti li jesiġu likwidazzjoni u ħlas ta' danni konsegwenza għal tali deċiżjoni;

6. Illi fi kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju għall-premess ukoll, m'hemm l-ebda danni li ġew kaġunati lir-rikorrenti per konsegwenza tad-deċizjoni komunita mil-Kunsill lir-rikorrenti fis-sens li eventwalment huma kellhom jibdew jarmaw fi Pjazza Savina;

7. Illi konsegwentement m'hemmx danni x'jiġu likwidati u/jew imħallsa mill-Kunsill lir-rikorrenti;

8. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, l-ewwel talba attriċi hija legalment improponibbli peress li mhux legalment possibbli li ssir talba għal inibizzjoni permanenti u/jew konferma permanenti ta' mandat ta' inibizzjoni.

9. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess ukoll m'hemm l-ebda raġuni għaliex id-deċiżjoni mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti fit-13 ta Marzu 2015 fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 10/2015 fl-ismijiet Mary Cassar et v Dr. Samuel Azzopardi noe et, ghandħa tiġi perpetwata;

10. Illi l-eċċezzjonijiet kollha mogħtija huma indipendenti minn xulxin u kull waħda qiegħda tingħata espressament bla preġudizzju għall-oħrajn;

11. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri oħra jekk ikun il-każ.

Rat l-atti.

Semgħet il-provi.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-konvenuti[1];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-atturi[2];

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Rat li l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza fuq l-ewwel u t-tielet eċċezzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi din hi kawża ta' stħarriġ ġudizzjarju marbut mad-deċizjoni tal-Kunsill illi jitrasferixxi lill-*fixed hawkers* li jarmaw mit-Tnejn sas-Sibt fit-Tokk/Pjazza Indipendenza, Victoria, Għawdex għal Pjazza Savina, ukoll fir-Rabat Għawdex, sabiex b'hekk ikunu jistgħu jibqgħu jeżerċitaw id-dritt tagħhom illi jarmaw fit-Tokk/Pjazza Indipendenza kif ilhom jagħmlu għal għexieren ta' snin skont il-permessi u liċenzji tagħhom lilhom maħruga mill-awtoritajiet kompetenti u dan għar-raġunijiet esposti fl-istess rikors fejn l-atturi qed jitolbu li tali deċizjoni għandha tiġi meqjusa bħala nulla u bla effett u li jiġu kumpensati għad-danni li ġarrbu;

[11] A folio 324 tal-proċess.
[2] A folio 351 tal-proċess.

Illi l-imħarrkin laqgħu għal din l-azzjoni billi ċaħdu it-talbiet atturi u qajmu wkoll eċċezzjonijiet ta' natura preliminari, fost oħrajn li l-azzjoni atturi ma saritx fit-terminu ta' sitt xhur kif jistipula l-artikolu 469A(3).

**Ikkunsidrat:**

Illi l-kovenuti jinsistu li d-deċizjoni ġiet meħuda fil-laqgħa tal-14 ta' Ottubru 2009, u l-minuti tal-laqgħa ġew approvati fit-18 ta' Novembru 2009, liema allegazzjoni ġiet ikkontestata mill-atturi.

**Provi:**

Illi bħala fatti rilevanti li joħorgu mill-atti, jirriżulta li in kontro-eżami nhar id-29 ta' April 2019 **Miriam Attard** xehdet li fl-14 ta' Ottubru 2009 kienet tressqet proposta quddiem il-Kunsill għar-rilokazzjoni tal-monti fost proġetti oħra, waqt liema laqgħa l-membri qablu unanimament dak propost iżda ma kinitx taf jekk saritx xi tip ta' konsultazzjoni mal-istakeholders filwaqt li kkonfermat li hija qatt ma bagħtet tgħid lil-*istreet hawkers* bl-allegata deċiżjoni. Mistoqsija fuq meta ġew infurmati l-istakeholders, hija qalet "*Nerġa nirrepeti jiena bil-miktub ma qalulix nikteb. Imbagħad kont ktibt, forsi nista' għax qed niftakar ħa ngħid hekk, il-kunsill ried li jibqgħu hemm sal-aħħar ħa ngħiduha kif inhi. Sal-aħħar jiġifieri għax il-proġett ried jibda minn pjazza oħra. Aħna ridna mmissu pjazza Savina u pjazza Indipendenza. Pjazza Indipendenza fejn hemm il-monti. Issa billi x-xogħol beda minn pjazza Savina ma stajniex għalxejn ngħidulhom itilqu minn hemm u naħdmu fi pjazza oħra. Allura l-Kunsill ried li jibqgħu hemm sal-aħħar u niformawhom fl-aħħar meta ħa nibdew dik il-pjazza*". Ix-xhud

kompliet tikkonferma li bejn l-2009 u l-2014, qatt ma għarrfuhom, li qed iħallsu biex jaħdmu Pjazza Indipendenza iżda kif jibda l-proġett kienu ser jiġu spustjati.

Is-Sindku, **Dr. Samwel Azzopardi** xehed li l-ewwel darba li ġiet diskussa l-materja fil-Kunsill, huwa kien jokkupa kariga ta' membru tal-Kunsill, u kienet deċizjoni unanima fl-istess Kunsill u l-vot tiegħu kien favur ir-rilokazzjoni tal-monti. Kompla jgħid li "*Mela l-Kunsill l-ewwel nett jasal għal deċiżjoni ġewwa seduta, laqgha tal-Kunsill, ġiet jiġifieri diskussa kemm, waqt diversi laqgħat, ma kinitx laqgħa waħda.*" Ix-xhieda tiegħu kompliet hekk:

*L-Avukat Dottor Victoria Cuschieri: Issa ara hux qed nifhmek sew, jiġifieri inti, skont inti fil-prinċipju fit-two thousand and nine (2009) il-Kunsill ha d-deċiżjoni tat-trasferiment, sewwa, hekk għedtilna?*

*Ix-xhud: Mela jekk jiġifieri qed ngħid fit-two thousand and nine (2009), jiġifieri imma tirriżulta mill-minuti, ma nafx hux two thousand and nine (2009) jew bidu two thousand and ten (2010).*

*L-Avukat Dottor Victoria Cuschieri: Skont kif hemm fil-minuti, issa.*

*Ix-xhud: Skont kif hemm fil-minuti bdiet, ġiet esplorata.*

*L-Avukat Dottor Victoria Cuschieri: Ġiet esplorata l-idea.*

*Ix-xhud: Eżatt.*

*L-Avukat Dottor Victoria Cuschieri: Issa wara illi kien hemm din il-laqgħa mbagħad il-Kunsill ftiehem, iddeċieda illi sakemm isiru x-xogħlijiet, sakemm isir il-proġett ma jiġux trasferiti?*

*Ix-xhud: Mela oriġinarjament kienu ħa jiġu trasferiti lil hinn mill-proġett, għax il-proġett ġie applikat għalih wara.*

*L-Avukat Dottor Victoria Cuschieri: Sewwa.*

*Ix-xhud: U wara kien hemm deċizjoni. Imbagħad ittieħdet id-deċiżjoni li isma' jekk dawn allura ħa jiġu rilokati għall-Pjazza Savina, eventwalment il-proġett jinkludi Pjazza Savina, ma tirrilokahomx darbtejn, allura għedna jibqgħu hemm.*

...

*L-Avukat Dottor Victoria Cuschieri: Issa inti għadek kif għedtilna illi l-komunikazzjoni magħhom dwar din id-deċiżjoni saret meta kontu tafu imma d-dati meta kien hemm il-pjan speċifiku.*

*Ix-xhud: Għax hija l-proċedura, inti hemm proċedura meta ħa jiċċaqalqu jew le tiġi permezz ta' ittra u tagħti d-data.*

*L-Avukat Dottor Victoria Cuschieri: Dik l-ittra ta' Ottubru two thousand and fourteen (2014), nistgħu forsi nirreferu għaliha, skużani, tal-ħdax (11) ta' Ottubru, ara hux qed tagħrafha? Hija Dok A mar-Rikors Ġuramentat.*

*Ix-xhud: Din nista' nikkonferma li hija ittra li ntbagħtet lilhom.*

Il-Qorti tosserva wkoll li skont ix-xhieda ta' **Josef Schembri**, il-kunsill kien inkariga lill-Perit Scerri sabiex iħejji l-pjanti relattivi, u dan fis-sena 2016.

**Ikkunsidrat:**

Illi jidher ċar li l-azzjoni attriċi hija waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju. L-ewwel li ser tiġi mistħarrġa hija l-eċċezzjoni li l-attur naqas li jiftaħ din il-kawża wara ż-żmien mogħti lilu mil-liġi kif irid l-artikolu 469A(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura.

Illi huwa stabbilit illi ż-żmien ta' sitt xhur imsemmi fl-Artikolu 469A(3) tal-Kap 12 huwa wieħed ta' dekadenza[3], li jfisser li ż-żmien ma jiġix interrott jew sospiż bħal ma jiġri fil-każ ta' terminu ta' preskrizzjoni. Fi kliem ieħor, l-atti ġudizzjarji li normalment jitqiesu bħala tajbin biex jinterrompu ż-żmien preskrittiv, jew il-fatt li jkunu għaddejjin diskussjonijiet bejn il-partijiet wara li jkun sar l-għemil amministrattiv ma jservu xejn biex iżommu l-mogħdija tas-sitt xhur li ssemmi l-liġi. Għaldaqstant il-protest ġudizzjarju tat-18 ta' Novembru, 2009 ma seta' qatt jinterrompa ż-żmien li kien għaddej kontra l-attur biex jattakka l-għemil amministrattiv li ħassu mġarrab minnu. Fil-kliem innifsu tal-liġi, dak iż-żmien ta' sitt xhur japplika għal dawk il-każijiet ta' stħarriġ ġudizzjarju li jirreferu għal għemil amministrattiv li jkun sar lil hinn mis-setgħat mogħtija mil-liġi ('ultra vires'): ma jgħoddx fil-każ ta' stħarriġ ta' għemil amministrattiv li jingħad li jikser il-Kostituzzjoni.

Illi l-liġi ma ssemmi xejn dwar il-mod li bih parti mġarrba minn għemil amministrativ issir taf b'dak l-għemil li jkun. Iż-żmien jibda jgħaddi

[3] Ara fost l-oħrajn P.A. 2.2.2000 fil-kawża fl-ismijiet Gerard Zammit vs Awtorità tal-Ippjanar (mhix ippubblikata); P.A. GV 27.6.2003 fil-kawża fl-ismijiet Dennis Tanti vs Ministru għall-Iżvilupp Soċjali et (mhix appellata); App. Ċiv. 31.5.2002, fil-kawża fl-ismijiet Roberto Zamboni noe vs Id-Direttur tal-Kuntratti et; App. Ċiv. 7.10.2005 fil-kawża fl-ismijiet Edward Paul Tanti vs Segretarju Amministrattiv tal-Uffiċċju tal-Prim'Ministru; App. Ċiv 10.11.2008 fil-kawża fl-ismijiet Michael Mizzi vs L-Awtorità tat-Turizmu et; App. Ċiv. 10.05.2009 fil-kawża fl-ismijiet Maria Victoria Borg et vs Sindku u Segretarju in rappreżentanza Kunsill Lokali Pietà

minn dakinhar li l-parti ssir taf jew messha ssir taf b'dak l-għemil, liema data tiġi l-ewwel[4].

Mix-xhieda mressqa u mill-provi dokumentarji li jinsabu fl-atti, jidher ċar li, fis-sena 2009 kien hemm biss vot unanimu tal-kunsill wara proposta li kienet saret u sussegwentament kienu għadhom għaddejjin bid-diskussjonijiet u konsultazzjonijiet, bid-deċizjoni finali tiġi kkomunikata lill-atturi f'Ottubru 2014.

Illi konsegwentament l-ewwel eċċezzjoni mressqa mill-konvenuti ma tistax tiġi milqugħa.

**Ikkunsidrat:**

Illi permezz tat-tielet eċċezzjoni tagħhom, il-konvenuti eċċepew li din il-Qorti ma hijiex kompetenti biex tiddeċiedi dwar it-talbiet attrici bbażati fuq id-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni ta' Malta u anki l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea għall-protezzjoni tad-Dirttijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali.

Illi l-Qorti tibda billi tinnota li fl-ilment ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom, l-atturu naqsu milli jindikaw taħt liema artikolu huma qegħdin isejsu t-talbiet tagħhom. Fil-fatt ebda referenza għall-artikolu 469A(1) tal-Kap 12 ma saret mill-atturi fl-att promutur. Dan il-fatt ġie kkonfermat fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-atturi fejn iddikjaraw li l-kawża odjerna ma hijiex imsejsa fuq l-artikolu 469A(1).

Illi għalhekk din il-Qorti ser tiddetermina jekk din il-Qorti għandhiex ġurisdizzjoni tiddeċiedi fuq ilmenti kostituzzjonali.

[4] Art. 469A(3)

Illi permezz tar-rikors tagħhom, l-atturi qed jilmentaw li sofrew leżjoni fid-drittijiet fondamentali tagħhom fit-termini tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u fit-termini tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea.

Hija ġurisprudenza ormai assodata li persuna li tkun qegħda tilmenta minn ksur tal-jeddijiet fondamentali tagħha m'hijiex obbligata tfittex rimedju quddiem il-qrati ordinarji jekk l-ilment ma jkunx jista` jiġi indirizzat b'rimedju effettiv. Propju għaliex proċediment kostituzzjonali u konvenzjonali huwa eċċezzjonali, persuna tirrikorri għalih meta ma jkunx hemm rimedju effettiv quddiem il-qrati ordinarji li jista` jindirizza l-allegat ksur tal-jeddijiet fondamentali.

Fil-fatt l-artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jistupula li:

*46.(1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikoli (6) u(7) ta' dan l-artikolu, kull persuna li tallega li xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-artikoli 33 sa 45 (magħdudin) ta' din il-Kostituzzjoni tkun ġiet, tkun qed tiġi jew tkun x'aktarx ser tiġi miksura dwarha, jew kull persuna oħra li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili f'Malta tista' taħtar ad istanza ta' xi persuna li hekk tallega,tista', bla ħsara għal kull azzjoni oħra dwar l-istess ħaġa li tkuntista' ssir legalment, titlob lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għal-rimedju.*

In oltre l-artikolu 50 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula s-segwenti:

*50.(1) Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-artikoli 770 u 771, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), b'esklużjoni tal-qrati ta' Malta,hija kompetenti biex tieħu konjizzjoni ta' kull pretensjoni kontra l-persuni li joqogħdu jew li għandhom ir-residenza tagħhomordinarja fil-Gżira*

*ta' Għawdex jew ta' Kemmuna, kif ukoll ta'dawk il-kawżi l-oħra kollha li l-liġi tgħid espressament li għandhatieħu konjizzjoni tagħhom dik il-qorti*

*(2) Dik il-qorti hija magħmula minn maġistrat wieħed, u għandha żewġ attribuzzjonijiet, jiġifieri:*

*(a) attribuzzjoni inferjuri, illi bis-saħħa tagħha tieħukonjizzjoni tal-kawżi kollha tax-xorta ta' dawk illi,skont l-artikoli 47 u 48, huma ta' kompetenza ta'maġistrat għall-Gżira ta' Malta; u*

*(b) attribuzzjoni superjuri, li bis-saħħa tagħha, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-artikolu 4 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, tieħu konjizzjoni tal-kawżi kollha tax-xortata' dawk illi, skont l-artikolu 32, huma ta' kompetenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili.*

Illi meħud in konsiderazzjoni l-mertu ta' din il-kawza fejn l-atturi qed jilmentaw minn ksur tad-dritt fundamentali tagħhom konsegwenza tad-deċizjoni tal-Kunsill Lokali, din il-Qorti hija tal-fehma li din l-eċċezzjoni hija mistħoqqa u għandha tiġi milqugħa.

**Decide:**

Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi (1) Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti filwaqt li (2) Tilqa' t-tielet eċċezzjoni tal-konvenuti.

Illi b'referenza għat-talba tal-atturi sabiex din il-Qorti tibgħat l-atti quddiem il-Qorti kompetenti f'każ li din il-Qorti tilqa' t-tielet

eċċezzjoni, il-Qorti qegħda tilqa' t-talba u tibgħat l-atti tal-kawża lill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) sabiex tkompli tisma' l-kawża.

**Moqrija**

**(ft) Maġistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.**

(ft) Mary Jane Attard
Deputat Reġistratur